# IS-SEHEM TAN-NISRANI FID-DIBATTITU PUBBLIKU

*Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech fil-festa ta' San Ġorġ Martri, Parroċċa San Ġorġ, Rabat - Il-Ħadd 20 ta' Lulju 2008*

**L-isfidi kulturali ta' żmienna**

Qegħdin ngħixu f'epoka interessanti, għaliex lill-bniedem, iktar u iktar lilna Kristjani, toffrilna sfida kbira. Qed ngħixu f'epoka meta għaddej tibdil importanti: tibdil f'ċerti kunċetti bażilari li jiffurmaw il-kultura tagħna – kunċetti illi kapaċi jagħtu viżjoni differenti ta' min hu l-bniedem u ta' dak kollu li jmiss mal-bniedem: il-familja, l-ekonomija, ix-xjenza, il-mediċina, il-politika...

Illum hemm nuqqas ta' kjarezza dwar x'inhi n-natura u d-dinja, dwar x'relazzjoni għandu jkun hemm bejn il-bniedem u Alla, dwar id-distinzjoni bejn dak li huwa limitat u l-infinit, bejn iż-żmien u l-eternità, il-libertà u l-verità, il-liġi u l-ġustizzja. Dawn huma tibdiliet li qegħdin jiżvolġu kontinwament fostna u ċertament jaffettwaw il-ħajja tagħna. Quddiem dan il-pluraliżmu ta' sitwazzjonijiet, il-Kristjan huwa msejjaħ ħalli jiskopri lingwaġġ ġdid biex jgħin ħalli jkun hemm iktar koerenza bejn dawk il-valuri dejjiema u l-istili tal-ħajja li qiegħed jaddotta l-bniedem tal-lum. Il-Kristjan, li għandu patrimonju li ġej mit-twemmin tiegħu, mhux biss għandu joqgħod jishar biex ma jiddakkarx minn din l-ambigwità, imma huwa msejjaħ ħalli jsib modi ġodda ta' kif jista' jagħmel il-proposta evanġelika lill-bniedem tal-lum. Huwa urġenti illi quddiem din is-sitwazzjoni l-Kristjan jipprova jsib x'inhi l-essenza, l-għerq ta' din il-problematika umana. Jekk ma nagħmlux hekk, irridu nagħtu kont mhux biss lill-bniedem imma wkoll lil Alla.

**Il-qawwa u l-urġenza tax-xhieda Kristjana**

Quddiem din ir-realtà l-Kristjan għandu jħossu msejjaħ b'urġenza biex jieħu sehem fid-dibattitu pubbliku li għaddej fis-soċjetà, dak id-dibattitu li għandu forza jifforma l-ħsieb u jagħti direzzjonijiet ġodda lis-soċjetà. Fl-impenn biex nieħdu sehem f'dan id-dibattitu pubbliku, il-Kristjan irid joqgħod jishar biex ma jagħmel xejn li jista' jiskreditah u allura jwaqqa' l-kredibbiltà tal-proposta tiegħu – sfortunatament fostna għandna mġiba illi qed tiskreditana!. Fl-istess waqt huwa jrid joqgħod attent ukoll illi ma jiġix imrekken jew emarġinat minn ħaddieħor għax hu Kristjan – għandu jgħasses biex ma jiġix eskluż minn dan id-dibattitu pubbliku.

Għadna kif smajna l-Bxara t-Tajba. X'ħin kelli d-djaknu quddiemi jitlobni l-barka ħalli jxandrilna l-Kelma, tlabt fuqu l-għajnuna ta' Alla biex il-Kelma li xandrilna tagħmel sens billi timliena b'kuraġġ ħalli nkunu nistgħu nwettqu din il-missjoni urġenti. Kristu fl-Evanġelju qalilna li "min jistħi minni jew mill-Kelma tiegħi, jiena nistħi nistqarru quddiem il-Missier u quddiem l-anġli fil-glorja". Din hija l-Kelma illi waslitilna llum, festa ta' San Ġorġ Martri. Aħna qegħdin nagħmlu dawn iċ-ċelebrazzjonijiet sollenni f'ġieħ il-martri San Ġorġ għax lil dan il-Kristjan minn Lidda nista' nippreżentahulkom bħala dak illi ħa sehem attiv fid-dibattitu politiku, soċjali, pubbliku ta' żmienu. San Ġorġ ma staħax jistqarr il-konvinzjonijiet Kristjani tiegħu, ma laqlaqx meta tkellem f'isem Kristu; ma beżax jiġi mrekken, emarġinat, saħansitra jirċievi l-martirju biex jagħti xhieda.

**Emarġinazzjoni tar-reliġjon mill-ħajja pubblika**

Ewsebju ta' Ċesarija, meta jirrakkuntalna l-istorja tal-martri tal-Kappadoċja jgħidilna illi Djoklezjanu ħareġ tliet editti illi jien nixtieq ninterpretahom fil-kwadru ta' dan li qed ngħidilkom; tliet liġijiet li meta qattagħhom, San Ġorġ għamel azzjoni biex juri li huwa jiddiżapprova din il-pożizzjoni. Proprju għax għamel dan l-intervent pubbliku, għax ta din ix-xhieda, hu jirċievi l-martirju. X'kienu dawn it-tliet editti?

Fl-ewwel wieħed Djoklezjanu ordna illi l-Kristjan, proprju għax hu Kristjan, jiġi eskluż mill-uffiċċji pubbliċi. Fi kliem ieħor, l-Imperatur ma riedx lill-Insara jieħdu sehem attiv fil-ħajja pubblika u warrabhom mill-uffiċċji pubbliċi biex ixejjen l-influwenza tagħhom.

Kellu digriet ieħor illi bih jarresta s-saċerdoti. Jien ninterpreta dak id-digriet bħala deċiżjoni tal-Imperatur biex jagħlaq il-fomm tal-Knisja għax kienet vuċi skomda fis-soċjetà! Dan id-digriet jirrifletti deċiżjoni li tipprojbixxi l-kult. Issa l-kult għandu tifsira mhux biss għax permezz tiegħu l-bniedem jagħti glorja lil Alla kif jistħoqqlu, imma għaliex għalina huwa mument ta' mistagoġija – il-liturġija tintroduċina fil-misteru ta' Alla, fl-iskola ta' Alla. Djoklezjanu ma riedx li l-bniedem jitkisser fil-Kelma t'Alla li hija għajn tas-sewwa u forġa tal-ħażen.

Bit-tielet editt, l-Imperatur ried li l-Kristjani jaħarqu l-inċens quddiem l-idoli tal-imperu. Dan kien tentattiv ħalli Djoklezjanu jibdel il-viżjoni tal-Kristjani billi jisfurzahom iwarrbu ħarsithom minn fuq Ġesù Kristu, il-ġebla tax-xewka tagħna, idgħajjef il-kuxjenza tagħhom u jwaqqagħhom fir-relattiviżmu.

Illum m'għandniex dawn l-editti formali illi kellu jaffronta b'kuraġġ San Ġorġ; imma l-ispirtu ta' dawn l-editti qiegħed fis-soċjetà lajċista tagħna. Lil San Ġorġ tawh il-martirju biex taparsi jeliminaw lilu u 'l-martri l-oħra ta' dak iż-żmien. Imma rriżulta illi dik it-tindifa li għamel Djoklizjanu ma ssarfitx fil-qerda tal-martri, imma f'awtodistruzzjoni tal-imperu nnifsu. Għax min jipprova jelimina l-fenomenu reliġjuż mill-kamp soċjali jkun qiegħed jagħmel għażla li twasslu għall-qerda tiegħu nnifsu

Peress illi t-tagħrif dwar il-martri San Ġorġ huwa limitat, nirriferikom għal djalogu li għalkemm seħħ fis-seklu IV, nistgħu ngħidu li kellu l-bidu tiegħu fl-epoka ta' San Ġorġ. Huwa d-djalogu li seħħ bejn Sant'Ambroġ, isqof ta' Milan, u ċertu Simmaku, li kien il-portavuċi tas-Senaturi ta' Ruma. Dan Simmaku jappella lill-Imperatur Valentinjanu II ħalli fil-kurja fejn jiltaqgħu s-senaturi jerġa' jirrestawra altar iddedikat lil alla Vittorja, bil-prerogattivi kollha li kienet iġġib din l-alla. Din id-divinità kienet espressjoni ta' dik li kienet tissejjaħ *"religio civilis"*, ir-reliġjon Rumana.

Din ir-reliġjon nista' niġborha fi tliet kapitli: kien hemm ħafna mitoloġija, u hemmhekk kienu jogħxew il-poeti; kien hemm kult tan-natura, li kien il-kamp tal-filosofi; imma mbagħad kien hemm ukoll il-politika, li kienet il-qasam okkupat minn dawk li jiggvernaw, fosthom is-senaturi. Dan nafuh minn passaġġ f'*De Civitate Dei* ta' Sant'Wistin. L-Imperu Ruman kien jemmen ħafna illi s-sopravvivenza tiegħu bħala imperu kienet **tiddependi** minn din ir-*"religio"* Rumana. Il-qawwa politika kienet marbuta mal-kult pubbliku illi ċ-ċittadini kienu obbligati joffru lill-allat tagħhom, dawk l-allat illi kellhom imbagħad l-inkarnazzjoni u l-personifikazzjoni tagħhom fl-imperatur. L-imperatur kien alla ieħor – kien jifforma parti minn din ir-reliġjon Rumana.

Dak iż-żmien kien hemm ukoll ir-reliġjon Kristjana, li kienet tissejjaħ *"religio illicita"*, mhux għaliex il-Kristjani kienu jagħmlu xi ħaġa li tmur kontra l-*public policy* tas-soċjetà, imma għaliex il-Kristjani kienu obbligati – kif jindika t-tielet editt ta' Djoklezjanu, u li mbagħad ikkumbattieh San Ġorġ tagħna – joffru kult pubbliku lill-allat, filwaqt illi l-istess reliġjon Kristjana kienet limitata għall-isfera privata, fis-sens li kienet meqjusa bħala xi ħaġa personali għax hija espressjoni ta' twemmin li ma joħroġx 'il barra mill-erba' ħitan tad-dar.

Anki fi żminijietna jseħħ dan kollu. M'iniex ngħid illi llum għandna l-iStat illi jimponi fuqna xi reliġjon jew jimmaġina li huwa l-inkarnazzjoni ta' xi divinità, imma huwa fatt li fis-soċjetà tagħna hemm tendenzi fejn ir-reliġjon Kristjana qed tiġi mrekkna. Hemm min jixtieq li r-reliġjon ta' Kristu kif mistqarra mid-dixxipli tiegħu tiġi privatizzata. Hemm min irid illi l-Kristjan, għax hu

Kristjan, ikun eskluż mid-dibattitu pubbliku. Dan huwa perikoluż ħafna. Mhux biss għaliex huwa ksur tad-dritt għal-libertà reliġjuża, imma wkoll għax huwa indirizz li jġib dikotomija bejn dik li hija l-ħajja ta' kuljum u t-twemmin. Kif għidt aktar 'il fuq, jgħarralu min jaħseb illi jista' jemarġina jew jeskludi l-fenomenu reliġjuż, għaliex dan ikun qiegħed iġib il-kundanna tiegħu nnifsu.

**Il-kontribut partikulari tal-Kristjani f'soċjetà pluralista**

Il-Kristjan irid jieħu sehem fil-ħajja attiva tas-soċjetà li minnha jagħmel parti, mhux b'kapriċċ imma bi dmir. Aħna nemmnu illi fil-Bxara t-Tajba għandna veritajiet u valuri illi jistgħu jgħinu lill-bniedem jilħaq id-dinjità umana tiegħu. Ir-rwol politiku ta' l-istat huwa li jiggarantixxi li jkun hemm ordni soċjali ġust. Santu Wistin fid-*De Civitate Dei* jgħallem li dak l-istat li ma jkunx immexxi skond il-ġustizzja, jkun ċorma kbira ta' ħallelin *[magna latrocinia]*. Biex jagħmel ġustizzja, l-istat għandu r-raġuni. Imma kif tixhdilna l-esperjenza, ir-raġuni umana ħafna drabi hija etikament għamja. Ir-raġuni umana għandha potenzjal enormi, imma għandha wkoll il-possibiltà illi tiżbalja. Hawnhekk jiltaqgħu l-politika u l-fidi. Kif osserva l-Papa Benedittu XVI fid-diskors li għamel f'Ratisbona sentejn ilu, ir-raġuni li hija truxa għad-divin u tikkunsidra r-reliġjon bħala sottokultura, mhix kapaċi żżomm djalogu mal-kultura ta' żmienna.

M'aħniex ngħidu illi huwa l-Kristjan li għandu jagħmel il-ħajja ta' l-istat. Fil-fatt il-Papa Benedittu fl-enċiklika *Deus caritas est*, jitkellem ċar u tond fin-numri 26 u 28 fuq x'għandha tkun ir-relazzjoni bejn il-komunità politika u l-komunità ekkleżjali. Huwa jtenni tagħlim illi waslilna mill-Konċilju Vatikan II, li jitkellem fuq is-separazzjoni u l-awtonomija bejn dawn iż-żewġ realtajiet, dik politika u dik ekkleżjali. Imma proprju biex ngħinu lis-soċjetà, billi nikkontribwixxu ħalli s-soċjetà tagħna ma tiżbaljax fl-għażliet, fid-direzzjoni, fid-deċiżjonijiet li jsiru, aħna noffru l-kooperazzjoni tagħna billi nipproponu t-tagħlim tal-fidi tagħna. Dan it-tagħlim tal-fidi jikkonsolida u jikkonferma tagħlim illi l-bniedem kapaċi jasal għalih bir-raġuni.

Dwar liema argumenti nistgħu nikkontribwixxu? L-argument favur il-ħajja: il-ħajja li għandha tiġi rrispettata sa mill-bidunett tat-tnissil tagħha. Nistgħu nikkontribwixxu biex ikun hemm difiża ta' min m'għandux saħħa jiddifendi lilu nnifsu, ibda mill-embrijun uman u spiċċa fil-bniedem anzjan illi forsi llum m'għandux il-fakultajiet illi jiddeċiedi għalih innifsu. Nistgħu nitkellmu meta ssir diskussjoni fuq il-familja illi għandha l-pedament tagħha fuq żwieġ monogamiku u indissolubbli. Nistgħu nikkontribwixxu meta nitkellmu fuq id-drittijiet tal-familja, speċjalment id-dritt tal-ġenituri fl-edukazzjoni ta' wliedhom. Nistgħu noffru dawl meta nitkellmu kontra forom ġodda ta' skjavitù, bħalma hija d-droga, bħalma hu l-alkoħoliżmu, bħalma hi l-pornografija u l-prostituzzjoni organizzata. Nistgħu nieħdu sehem f'diskussjonijiet dwar l-ambjent, l-ekonomija u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ħajja umana.

Imma rridu noqogħdu attenti, nifhu għajnejna u nfittxu dak il-lingwaġġ li tkellimt fuqu fil-bidu, għaliex ġieli jinstemgħu vuċijiet illi jgħidulna: *"Silete Catholici in re aliena"* – "għalqu ħalqkom, Kattoliċi, f'affarijiet li m'għandkomx dritt titkellmu fuqhom".

Konvint li din it-twissija lajċista, f'isem il-lajċità ta' l-istat, f'isem in-noninġerenza tat-twemmin, semagħha wkoll San Ġorġ tagħna. Imma San Ġorġ ma beżax jagħti xhieda, u jgħidilhom dak li hemm fil-Vanġelu: "Agħtu 'l Ċesri dak li hu ta' Ċesri, imma agħtu lil Alla dak li hu ta' Alla". Jekk hemm xi materja illi bħala poplu Kristjan m'għandniex kelma dwarha, xorta jrid ikollna d-dritt illi nsemmgħu l-vuċi tagħna biex talinqas ngħidu: "Fuq din il-materja m'għandniex pożizzjoni". Imma mhux niġu esklużi *a priori* għas-sempliċi fatt li aħna dixxipli ta' Kristu, bħalma kien dixxiplu San Ġorġ. Ħafna drabi meta jiġi impost is-silenzju, hija forma oħra ta' vjolenza kif huwa vjolenti l-martirju.

**Soċjetà pluralista għandha bżonn il-kontribut tal-Kristjani**

F'Mejju li għadda ħadt sehem fl-Assemblea Ġenerali tal-Konferenza Episkopali Taljana. Mort nirrappreżenta l-Konferenza Episkopali tagħna. Il-Kardinal Bagnasco, li huwa l-president attwali tal-Konferenza Episkopali Taljana, għamel diskors fejn fost ħwejjeġ oħra qal li l-istat qatt ma jista' jinnewtralizza r-reliġjon. Ir-reliġjon għandha dritt li flimkien ma' skejjel filosofiċi oħra li hemm fis-soċjetà pluralistika tagħti s-sehem tagħha fl-argumentazzjoni pubblika. Ma tkunx theddida għal-lajċità tal-istat jekk wieħed jesprimi t-twemmin tiegħu. Lanqas jekk wieħed ikollu l-Evanġelju f'idejh u jieħu sehem fid-dibattitu pubbliku jew jikkontribwixxi fit-tiswir ta' l-orjentamenti politiċi u leġiżlattivi tal-pajjiż. M'hemm xejn ħażin li jkollna stat lajk. Huwa l-lajċiżmu tal-istat li jħassibna.

Meta l-Papa mar fil-Ġnus Magħquda f'April li għadda, wkoll ħass il-bżonn li jitkellem fuq dan l-argument li qed nirriflettu dwaru. Il-Papa jgħid li huwa inkonċepibbli li biex l-Insara jkunu ċittadini attivi huma jkollhom jissopprimu l-fidi li hija parti minnhom infushom. Ma tista' tobbliga lil ħadd jiċħad lil Alla biex imbagħad ikun jista' jgawdi d-drittijiet proprji tiegħu jew tagħha. Ma tistax teskludi lil persuna għax hija Nisranija milli tieħu sehem fil-binja tal-ordni soċjali.

Dan kollu nħoss illi ddefendieh San Ġorġ meta ħadha kontra dak l-editt fejn Djoklezjanu pprojbixxa li l-Kristjani jkollhom uffiċċju pubbliku, meta Djoklezjanu ried li l-Kristjani jaħarqu l-inċens quddiem l-allat tar-reliġjon Rumana. Illum li qegħdin nagħmlu din il-festa, sinċerament nixtieqha tkun festa illi tixprunana biex nagħtu kontribut għall-bini tas-soċjetà tagħna; u meta qed ngħid "lilna", mhux lil din l-assemblea liturgika biss qed ngħid, imma lill-poplu ta' Alla f'Għawdex.

**50 Sena Bażilika**

Din is-sena din il-komunità parrokkjali qed tiċċelebra l-ħamsin sena minn meta din il-knisja kisbet it-titlu – li jagħmel sens – ta' Bażilika. Fl-istorja tal-Knisja, l-ewwel Bażilika nbniet wara li Kostantinu ħareġ l-editt li jirrikonoxxi d-dritt tal-libertà reliġjuża, u għalhekk il-kult Nisrani ma baqax aktar "privat" imma kellu rikonoxximent pubbliku. Dan hu li nitlobkom meta qegħdin nikkommemoraw din il-ġrajja. Ftakru li l-Bażilika hija l-għamara ta' dak li jissejjaħ *"Basileus"* (Mexxej, Sultan), li huwa Kristu; Kristu, it-Triq tal-bniedem tal-bieraħ, tal-lum u ta' għada. Imma l-Bażilika hija wkoll il-post fejn jinġema' l-poplu ta' Alla ħalli jiċċelebra l-kult u jħalli lill-Imgħallem isawru, biex imbagħad ikun kapaċi jagħti kontribut bis-sens lis-soċjetà tal-lum.

**Missjoni Djoċesana**

Nixtieq illi fis-sena li ġejja, jiġifieri minn Ottubru li ġej, meta fid-djoċesi tagħna sejrin norganizzaw Missjoni Djoċesana – u nappella lil kulħadd biex jikkopera ħalli din tkun mument ta' grazzja – jalla din il-Bażilika, bħall-knejjes l-oħra fid-djoċesi, tkun ċentru ta' diffużjoni tat-tagħlim ta' Kristu, anki fl-arena lajka fejn issir id-diskussjoni pubblika ta' pajjiżna. Nixtieq illi din il-Missjoni tkun sejħa biex il-mondanità tagħmel ftit ta' awtokritika u tara fejn hi sejra. Imma nixtieq ukoll li l-Missjoni tkun sejħa ħalli l-Knisja tagħmel ukoll awtokritika, u naraw jekk aħniex mexjin dejjem f'direzzjoni tajba, jekk aħniex nimbuttaw dak li għandu jiġi mbuttat, jekk aħniex mexjin lejn il-maturità Kristjana.

Din hija t-talba li dalgħodu jiena nagħmel minn qalbi lil San Ġorġ, ħalli jkun hu l-għelm tagħna, mhux biss biex bħalu nkunu konvinti mill-vokazzjoni tagħna, mill-identità tagħna u mill-missjoni tagħna fid-dinja tal-lum, imma ħalli ma jonqosniex il-kuraġġ biex jekk hemm bżonn illi nippronunzjaw irwieħna, illi nieħdu pożizzjoni, illi jittieħdu deċiżjonijiet evanġeliċi, dan nagħmluh bħalma għamilhom San Ġorġ, anki jekk quddiemna naraw it-theddida tal-martirju. Aħna nemmnu illi l-martirju mhux l-aħħar kelma. L-aħħar kelma hija r-Riżurrezzjoni, il-Qawmien ta' Kristu, ir-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt u fuq il-ħażen. Kristu lilna jipparteċipana f'dan kollu!

# IL-ĠMIEL TAL-BNIEDEM U TAŻ-ŻWIEĠ

*Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech fil-festa ta' l-Assunta, Il-Katidral Għawdex, Rabat - 15 t'Awwissu 2008*

Kull wieħed u waħda minna, anke bħala kollettività, għandna xi forma ta' kejl biex inkunu nistgħu niġġudikaw jekk l-għażliet li nagħmlu jew id-deċiżjonijiet li nieħdu jkunux għażliet u deċiżjonijiet tajbin. Imma meta nagħti ħarsa lejn is-soċjetà tagħna, nistaqsi lili nnifsi jekk huwiex il-waqt li nagħmlu valutazzjoni ta' dan il-kejl li aħna qed napplikaw. Għax jista' jiġrilna bħal dak il-bennej illi beda jibni dar kbira u sabiħa, imma billi l-istrumenti li kien juża biex ikejjel bihom kienu ħżiena, meta wasal biex jagħlaq id-dar sab illi l-ħitan li bena ma jaqblux ma' xulxin, u allura d-dar ma setgħetx tiġi kompluta.

Issa aħna mhux binja materjali għandna f'idejna; aħna responsabbli mill-binja tal-persuna. Il-persuna nħarsu lejha fil-kuntest tal-familja; u l-familja tinsab fil-kuntest tas-soċjetà. F'dawn il-binjiet ma nistgħux nirriskjaw illi jkollna żball fl-istrumenti li normalment nużaw biex inkejlu bihom. Waqt li kont nikkontempla lill-Assunta, inħoss li nebbħitni kif il-figura tagħha, l-esperjenza tagħha, tista' toffrilna assigurazzjoni tal-kejl li aħna rridu nħaddnu. Dwar liema kejl qed nitkellem?

**Antropoloġija Kristjana: il-bniedem maħluq minn Alla**

Hemm mistoqsija fundamentali li rridu nwieġbu, għax kull għażla jew deċiżjoni li nagħmlu tiddependi mit-tweġiba li nagħtu: min hu l-bniedem? X'kunċett għandna tal-persuna umana? Id-deċizjonijiet u l-għażliet li jsiru – kemm dawk li jirrigwardaw l-individwu, l-familja, u l-politika (l-organizzazzjoni tas-soċjetà) – jiddependu minn din ir-"riegla": x'nifhmu meta ngħidu "il-bniedem" jew "il-persuna umana".

L-epoka li qegħdin ngħixu fiha, hekk imsejħa post-moderna, għandha kriżi antropoloġika: ma tafx min hu l-bniedem. Hija konfuża dwar x'nifhmu bi bniedem. Għalhekk ma nistagħġibx li huma anke konfużi u jikkonfondu l-għażliet u d-deċiżjonijiet proposti jew li tagħmel is-soċjetà. Għandna antropoloġija dgħajfa. Waħda mill-kawżi ta' din id-dgħufija hija għarfien fqir li għandna ta' min hu Alla. Għaliex biex nagħrfu l-bniedem, ma nistgħux niżganċjawh minn Alla.

Quddiem din ir-realtà aħna bħala komunità Nisranija għandna proposta x'nagħmlu. Aħna għandna patrimonju, imsaħħaħ u elaborat b'mod partikulari mill-qaddej ta' Alla l-Papa Ġwanni Pawlu II, illi jitkellem dwar l-antropoloġija personalistika: aħna nħarsu lejn il-bniedem bħala suġġett-persuna li għandha d-drittijiet inaljenabbli tagħha. Fid-dawl tal- antroploġija biblika Kristjana, aħna nagħrfu kemm hu kbir il-bniedem. Kull bniedem huwa oġġett tal-imħabba infinita ta' Alla. Kristu, li huwa l-"imago expressa" ta' Alla, meta fil-milja taż-żmien twieled fostna minn din il-mara, mill-Assunta, huwa wera lill-bniedem x'inhi d-dinjità u l-ġmiel tiegħu – dinjità u ġmiel li huma rifless tal-ġmiel li hemm f'Alla l-Imbierek.

**Kristu jirrifletti l-ġmiel ta' Alla**

Allura l-proposta li tagħmel il-komunità Nisranija f'dan il-kuntest hija dik tal-antropoloġija fid-dawl taż-żmien fl-eternità, fejn Kristu, l-Iben ta' Alla, li huwa l-impronta u s-sustanza tal-ġmiel li hemm f'Alla, ilibbes lil kull bniedem u dak kollu li jmiss mal-bniedem u kull esperjenza umana b'dan il-ġmiel. **Dostoevsky** fir-rumanz tiegħu "l-Idjota" jgħid illi "il-ġmiel isalva lid-dinja". U **Solzhenitsyn**, f'diskors li għamel meta rċieva l-Premju Nobel, jgħid illi l-ħajja umana qisha siġra bi tliet fergħat: fergħa minnhom tirrifletti x'inhu l-veru; imma llum hemm min irid jaqtagħha dik il-fergħa għax huwa allerġiku għall-verità! Hemm il-fergħa ta' x'inhu it-tajjeb: gwida etika għall-għemil tal-bniedem; imma anke din il-fergħa ma tantx hi popolari llum li mdorrijin f'relattiviżmu etiku u morali. Fadal fergħa waħda: dik tal-ġmiel. Meta l-bniedem għażel li jista' jgħaddi mingħajr il-*verum* (il-veru) u l-*bonum* (it-tajjeb), forsi dak li huwa *pulchrum* (sabiħ) għadu jappella.

Għalhekk l-antropoloġija Kristjana għandha dan il-messaġġ x'tikkomunika lill-bniedem tal-lum: fid-dawl ta' Kristu l-Feddej, il-bniedem jikseb għarfien ta' dan il-ġmiel. L-aqwa ġmiel ma jinsabx għand il-kreaturi imma f'Alla li huwa l-istess *pulchritudine*. Huwa Dak, jgħid il-Ktieb tal-Għerf, li għamel il-ġmiel (ara Għerf 13,3). Dan il-ġmiel għandu l-impronta tiegħu fi Kristu, li kif jgħid is-Salmista, huwa l-isbaħ fost ulied il-bnedmin (ara Salm 45,3). San Tumas jgħidilna li Kristu mhux biss huwa r-rifless tal-qdusija u l-ġmiel etern li hemm f'Alla, imma huwa jlibbsu u jgħaddih lill-omm tiegħu u l-omm tagħna: qaddisa, mifdija u kollha ġmiel. Għalhekk nippreżentalkom lil Marija Assunta bħala dik il-mara mlibbsa bil-ġmiel ta' Kristu. Marija hija waħda mill-ġeneru uman. Hija waħda minna illi fiha jidher il-ġmiel illi bih libbisha Alla sa mit-tnissil tagħha.

Il-Papa Pawlu VI, f'Kungress Marjoloġiku Internazzjonali li sar f'Ruma fl-1975, appella biex nilmħu f'Marija mhux biss il-*via veritatis* (it-triq tal-verità), frott ta' riflessjoni teoloġika, li twassalna għand Alla; imma niskopru fiha l-*via pulchritudinis* – it-triq tal-ġmiel li wkoll tista' tgħinna niskopru lil Alla. Din tista' tkun triq illi tinteressa lil ħafna! Kien jixraq illi fil-glorja tagħha l-Assunta tiddi b'dan il-ġmiel għall-ġeneru uman. Santa Marija hija sabiħa b'mod estetiku imma hija aktar sabiħa b'mod teoloġiku u spiritwali. Hi li hija t-*Theotokos*, *Tuttasanta* u mingħajr ebda tebgħa u tikmixa, tasal biex tipproponi lill-bniedem it-triq tal-ġmiel li minnha jgħaddi biex jiskopri l-ġmiel tiegħu nnifsu u l-ġmiel etern li hemm jistennieh għand Alla.

**Fil-misteru tal-Assunta jidher il-ġmiel tal-bniedem maħluq xbieha t'Alla**

Fil-Verġni Marija mtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem, nilmaħ lil Alla l-Imbierek ilibbes lill-bniedem sħiħ b'dik is-sbuħija li biha kien libbsu fil-ġnien tal-Għeden. Imma l-bniedem deħerlu li seta jinża' dan il-ġmiel. F'dan il-jum sabiħ, inħallu lill-Assunta turina x'inhi din l-antropoloġija Kristjana, x'inhu dan il-ġmiel tal-bniedem, biex imbagħad inkunu nistgħu niksbu dak il-kejl li jassigurana li d-deċiżjonijiet li nagħmlu jkunu deċiżjonijiet illi jirriflettu dak li huwa veru u dak li huwa tajjeb.

Il-Vergni Marija mtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem għandha messaġġ qawwi li jgħin lill-bniedem jagħraf li hu *imago Dei* – xbieha ta' Alla. Meta Kristu tella' lil Marija fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem fejn ġiet milqugħa mill-Missier u mill-Ispirtu s-Santu, fil-persuna ta' Marija t-Trinità Qaddisa kienet qed tilqa' lill-bniedem sħiħ – lil kull bniedem! Għax Alla ħalaq il-bniedem "xbieha tiegħu" biex jgħix għal dejjem, u bil-qawwa ta' Kristu Feddej il-bniedem jista' jipparteċipa minn din ir-rebħa assoluta fuq il-mewt u taħsir tal-mewt u jgħix għal dejjem.

**Id-dnub ikisser il-ġmiel tal-pjan ta' Alla għall-bniedem**

Jekk Alla huwa sabiħ, il-bniedem maħluq xbieha tiegħu suppost jirrifletti dak il-ġmiel ta' Alla u dak l-ordni li hemm f'Alla. Imma l-bniedem fid-dgħufija tiegħu jirribella kontra Alla u jitfa' wara spallejh dak il-ġmiel biex ixidd libsa oħra: natura umana mwaqqgħa. Il-bniedem jagħżel illi jmur kontra l-proġett u r-rieda ta' Alla. L-esperjenza umana rrakkontata fil-Ġenesi mhix esperjeza limitata għal Adam u Eva. Tista' tkun l-

esperjenza tagħna ilkoll. Aħna maħluqin xbieha ta' Alla. Imma l-libertà li żejjinna biha Alla nistgħu nużawha ħażin. Nistgħu nirribellaw kontra r-rieda u l-proġetti ta' Alla. Jekk nagħmlu din l-għażla, nkunu qegħdin ninżgħu l-ġmiel u niċċappsu bit-tebgħa tad-dnub. Id-dnub huwa kull kruha li hemm fil-ħajja individwali, fil-ħajja tal-familja, fil-ħajja soċjali u fil-ħajja tal-Knisja.

Fl-Għeden il-bniedem mhux biss neża' l-ġmiel li libbsu Alla, imma neżża' wkoll lil ħutu! Kajjin neħħa l-ħajja ta' ħuh Abel u għamel ġerħa lill-familja tiegħu! Il-ġmiel jirrifletti ruħu meta hemm ħajja komunitarja, meta hemm l-għaqda bejn l-aħwa. Meta l-ispirtu komunitarju fil ħajja soċjali u familjari, imma aktar u iktar fil-ħajja tal-komunità ekkleżjali huwa frantumat, dan ikun ta' dannu serju hafna, għaliex inkunu qegħdin intebbgħu l-ġmiel tal-poplu ta' Alla – inkunu qegħdin ninżgħu minn dan is-sebħ ta' Alla li jidher b'mod qawwi fl-Assunta.

**Il-familja u ż-żwieġ fit-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II**

Imma llum nistedinkom tirriflettu dwar esperjenza oħra fundamentali fil-ħajja umana li Alla jlibbisha wkoll bis-sebħ tiegħu. Qed nitkellem dwar dik l-esperjenza ta' mħabba u ta' ħajja li jagħmlu raġel u mara meta jidħlu għall-esperjenza taż-żwieġ u tal-familja. Din hija wkoll parti mill-antropoloġija Kristjana. Din ukoll tiddependi minn x'kunċett għandna ta' bniedem.

Iż-żwieġ u l-familja mhumiex ħolqien tal-bniedem. Il-bniedem jista' joħloq forma li b'xi mod isejħilha żwieġ jew familja. Imma "fil-bidu" x'kien iż-żwieġ? Meta l-Lhud jiġbdu l-attenzjoni ta' Kristu li Mosè kien ikkonċedilhom il-ktiba tad-divorzju, Ġesù jippreċiża li "kien minħabba l-ebusija ta' qalbhom li Mosè takom il-permess tibagħtu n-nisa tagħkom, iżda fil-bidu ma kienx hekk" (Mt 19,8). Fil-bidu x'ifisser? X'inhi r-rieda ta' Alla għall-bniedem u għal dik il-komunità li tissejjaħ familja mibnija fuq żwieġ?

Il-Konċilju Vatikan II, fil-Kostituzzjoni Pastorali "Il-Knisja fid-Dinja ta' Llum" [*Gaudium et spes*], għandu paragrafi sbieħ ħafna dwar iż-żwieġ u l-familja: "L-għaqda intima tal-ħajja u tal-imħabba bejn il-miżżewġin, mwaqqfa minn Alla fil-ħolqien u regolata b'liġijiet proprji, titwaqqaf fuq il-patt taż-żwieġ, jiġifieri fuq il-kunsens personali u irrevokabbli. Hekk, b'att uman li bih il-miżżewġin jagħtu lil xulxin u jirċievu lil xulxin, istituzzjoni diġà stabbli b'liġi ta' Alla tibda sseħħ ukoll quddiem is-soċjetà" (n. 48).

Allura, ladarba ż-żwieġ huwa istituzzjoni li teżisti sa mill-bidu tal-ħolqien, ma nistgħux ngħidu li hija esperjenza speċifikament Kristjana. Min jgħid illi d-diskors u l-proposta tal-Knisja dwar iż-żwieġ u l-familja hija proposta konfessjonali mhux korrett, għaliex kien sa mill-bidu tal-ħolqien li Alla riedhom raġel u mara jingħaqdu flimkien fiż-żwieġ b'kunsens irrevokabbli. Kunsens irrevokabbli jfisser bħal dawk l-esperjenzi li normalment nagħmlu fil-ħajja ċivili tagħna. Min minna jagħmel kuntratt imbagħad b'mod unilaterali jfettillu jħassar dak il-kuntratt? Iż-żwieġ huwa kuntratt, u aktar minn hekk!

Permezz tal-Konċilju, il-Knisja tkompli tfisser il-ġmiel taż-żwieġ u l-familja meta tgħid illi din l-esperjenza hija ta' ġid għall-istess miżżewġin, għall-ulied u għall-istess soċjetà.

Kristu ma jibqax passiv quddiem din ir-realtà, imma jgħolli din l-esperjenza umana għall-esperjenza ta' sagrament. "Is-Salvatur tal-bnedmin u l-Għarus tal-Knisja jiltaqa' mal-miżżewġin insara fis-sagrament taż-żwieġ. Jibqa' wkoll magħhom biex kif huwa ħabb il-Knisja u ta lilu nnifsu għaliha, hekk ukoll il-miżżewġin jinħabbu bejniethom b'fedeltà li ma tiġix nieqsa billi jagħtu ruħhom lil xulxin. L-imħabba vera bejn il-miżżewġin tingħaqad ma' l-imħabba t'Alla u hija msaħħa u mogħnija bil-qawwa feddejja ta' Kristu u bl-għemil tas-salvazzjoni tal-Knisja biex il-miżżewġin jitwasslu tassew lejn Alla u jkollhom għajnuna u qawwa fil-missjoni għolja ta' missier u omm. Għalhekk il-miżżewġin insara huma msaħħin u bħal ikkonsagrati b'sagrament speċjali għad-dmirijiet u d-dinjità tal-istat tagħhom" (*Gaudium et spes, n.48*).

Dan ifisser li lill-miżżewġin insara, illi għandhom l-istess kunċett taż-żwieġ li għandhom ma' ħuthom il-bnedmin kollha, Kristu jagħtihom il-grazzja tas-sagrament ħalli jsaħħaħhom u jgħinhom biex din l-esperjenza jgħixuha fil-milja tagħha. Imma għaliex iż żwieġ tan nisrani huwa sagrament dan ma jfissirx illi l-pedament taż-żwieġ tagħna huwa differenti minn dak taż-żwieġ naturali. Dan huwa l-ġmiel li jeħtieġ ngħożżu, biex ma ngħidx nirkupraw – għax xi drabi jidher li qed nitilfuh!

Il-Konċilju Vatikan II għandu kelma qawwija għall-awtorità ċivili meta jgħid li "huwa dmir sagru tagħha li tagħraf in-natura vera taż-żwieġ u l-familja, tiddefendihom u tmexxihom 'il quddiem, li tħares il-moralità pubblika u li tgħin il-prosperità tal-familja" (*Gaudium et spes, n.52*). Dan bl-ebda mod ma jista' jiġi interpretat li l-Konċilju jrid li min hu fl-awtorita ċivili jkun konfessjonali. Imma għax il-Knisja temmen li din l-esperjenza umana hija ta' ġid kbir għall-bniedem u għas-soċjetà, hija tħeġġeġ lil dawk li għandhom xi influwenza fis-soċjetà biex iħarsu dan il-patrimonju uman.

**Marija tgħinna nիżżejnu bil-ġmiel ta' Alla**

Fl-Assunta mtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem, nilmaħ lil Kristu qiegħed jgħolli mhux biss lill-persuna umana – kif jgħidilna aktar 'il fuq, imma qed jgħolli wkoll din l-esperjenza profondament umana u jlibbisha bil-ġmiel li tilfet maż-żmien minħabba l-ebusija tal-qalb umana.

Din hija t-talba li jiena nagħmel lil Santa Marija f'din il-ġurnata. Hija ġurnata fejn il-Knisja kollha tieqaf titfa' ħarsitha fuq dik li hija gglorifikata u mlibbsa bil-ġmiel. Nitlobha biex lilna tagħmlilna kuraġġ ħalli quddiem il-kruha u t-tbajja tagħna jew tal-oħrajn, ma naqtgħux qalbna imma nimxu din it-triq tal-ġmiel li tipproponielna l-persuna ta' Marija. Hekk aħna wkoll individwalment, bħala familji, bħala soċjetà u bħala Knisja, inkomplu nżejnu b'dan il-ġmiel ta' Alla.

**Missjoni Djoċesana**

Kif ilkoll tafu f'Ottubru li ġej sejrin nagħmlu l-esperjenza ta' Missjoni Djoċesana. Nitlob lil Alla bl-interċessjoni tal-Vergni mbierka biex f'din il-missjoni lkoll jirnexxielna nixxennqu għal dan il-ġmiel ta' Alla, rifless fi Kristu u fil-Madonna. Hekk, filwaqt illi nbegħdu minna kull sfreġju li nistgħu nagħmlu lill-bniedem, lill-ħajja miżżewġa, lill-ħajja soċjali, u lill-ħajja ekkleżjali jirnexxielna, bil-ġmiel li bih ilibbisna Alla l-Imbierek, inxennqu oħrajn għalih, nattiraw oħrajn sabiex huma wkoll jimxu minn din il-*via pulchritudinis* u jiksbu dak il-kejl tant importanti għall-ħajja tagħna.

---

***Nota tad-Direzzjoni:***
Dawn l-erba' paġni ta' Dokumentazzjoni qed jingħataw bħala żieda mar-rivista u b'rigal lill-qarrejja tagħna, fuq talba ta' ħafna, biex jiġu miġbura u konservati l-aqwa diskorsi, omeliji u ittri pastorali ta' Mons. Isqof Mario Grech. Dawn il-folji kulur safrani jistgħu faċilment jinqalgħu minn ġo nofs ir-rivista biex jiġu miġbura flimkien u llegati separatament mir-rivista.